MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 664/2002/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Raymond Giudice u l-istess Raymond Giudice**

**Vs**

**Carmel Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm228.57 (mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu) rappresentanti danni fl-incident ta' traffiku kif deskritt fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn allega li ma kienx responsabbli ghal incident.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra li Marija Giudice xehdet li kienet ipparkjata fil-car park taht il-Phoenicia. Meta regghet marret ghal karozza sabet lil Alvin Gatt qed iwahhal nota fuq il-karozza taghha. Alvin Gatt informa lil Giudice li d-driver ta' karozza Mazda EAA 558 kien habat mal-karozza tal-attur. Giudice ghamlet rapport. Il-Pulizija cemplu ghal konvenut li cahad li kien involut fil-habta.

Carmel Camilleri xehed li ra l-habta issir izda ma kienx gharaf il-karozza, in-numru jew il-persuna.

Xehed il-Pulizija PS 57 Raymond Caruana li qal li ezamina l-karozza tal-konvenut li cahad li kien involut fl-incident. Caruana qal li l-karozza tal-konvenut kellha diversi daqqiet allura ma setax jikkonkludi li l-konvenut habat fil-karozza ta' l-attur.

Il-Pulizija qal li l-konvenut insista mieghu li kien iddirigieh il-parker biex johrog mill-parking. Il-Pulizija qallu sabiex imorru jkelmu l-parker izda l-konvenut ma riedx u telaq l'hemm. Il-Pulizija qal "kont kellimt zewg xiehda li qaluli bic-cert li kien il-konvenut li laqat il-karozza tal-attrici".

Alvin Gatt qal li ra l-karozza tahbat mal-karozza ta' l-attur.

Il-konvenut xehed li l-parker Toni ghinu biex johrog. Il-konvenut cahad li habat ma xi hadd.

Xehed Tony Aquilina li qal li jiftakar li kien hemm incident. Jiftakar li assista lil konvenut biex johrog. Tony Aquilina qal – "Imbaghad niftakar li karozza ohra harget, habtet ma' karozza ohra, jiena ppruvajt inwaqqfu izda dan baqa' sejjer". Tony Aquilina qal li kien cempel lil Pulizija. Kellu n-numru ta' karozza li habtet izda ma gabx dan in-numru mieghu meta gie biex jixhed. Ma ftakarx la l-kulur u lanqas il-marka tal-karozza li kienet involuta fil-habta. Aquilina imbaghad qal "Dak li habat kien qalli li kien lest li jaghtini Lm10 biex ma nikfux." Dan wara li l-istess xhud qal "imbaghad niftakar li l-karozza harget habtet ma' karozza ohra, jiena ppruvajt inwaqqfu izda dan baqa' sejjer".

Tony Aquilina qal li meta l-mara li kellha l-hsara kelmitu hu qalilha li ma kienx il-konvenut li laqat il-karozza taghha. Tony Aquilina qal li dak il-hin il-konvenut kien ghadu hemmhekk. Haga li tikontradixxi direttament ix-xhieda tal-partijiet kollha.

Illi x-xhud Tony Aquilina ma kienx kredibbli. L-ewwel qal li pprova jwaqqaf dak li habat izda dan baqa' sejjer imbaghad qal li dak li habat offrielu Lm10 biex ma jikfux. Tony Aquilina qal li l-konvenut kien ghadu prezenti meta giet Giudice. Dan huwa kontradett mill-partijiet.

Il-fatt li ezatt wara l-incident il-konvenut irrifjuta li jmur ghand il-parker mal-Pulizija jimmilita kontra l-istess konvenut.

Illi ezatt wara l-incident Giudice qalet li Alvin Gatt kienet qaltlu li karozza EAA 558 kienet habtet mal-karozza taghha. (ara rapport tal-Pulizija)

Illi fil-Road Accident Report il-Pulizija kiteb: "Whilst reversing he (il-konvenut) was being directed by the parker and therefore he could not have hit the car in question. But when being asked to go and speak to the parker in the presence of the Police he refused and stated that if the other driver wants to she could seek him through her solicitor and left".

Alvin Gatt informa l-Pulizija li kienet karozza EAA 558 "Mazda coloured Gold" li habtet mal-karozza tal-attur.

Ix-xhud Camilleri wkoll qal li ra li kienet "Mazda 323 coloured Gold" li habtet mal-karozza tal-attrici. (ara rapport tal-Pulizija).

Illi fid-dawl tax-xhieda t-Tribunal jikkonkludi li l-versjoni ta' Gatt u Camilleri (li m'ghandhom ebda interess f'din il-kwistjoni) huma versjonijiet kredibbli.

Illi kif diga ntqal t-Tribunal ma jemminx il-versjoni li ta Aquilina.

Illi fid-dawl tax-xhieda ghalhekk t-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident, jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas Lm228.57c (mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu) lill-atturi bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (3 t' April 2002).

--------------------------------TMIEM--------------------------------